# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**
**ONOR. FRANCO DEPASQUALE B.A. LL.D.**
**ONOR. NOEL ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar It-Tlieta, 8 ta' Mejju 2001.**

**Numru 1**

**Rikors numru 585/97 AJM**

**Avukat Dottor Irene Bonello**

**vs**

**Onorevoli Prim Ministru ; Onorevoli Ministru tal-Gustizzja u Kunsilli Lokali gja' Ministru ghall-Gustizzja u l-Arti ; Avukat Generali ; Segretarju Amministrattiv ; u Registratur tal-Qrati ghal kull interess li jista' jkollu.**

**Il-Qorti;**

**PRELIMINARI**

1. (i) B'rikors datat il-21 ta' Marzu 1997 fl-ismijiet premessi pprezentat quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali), ir-rikorrenti bdiet billi rriferiet estensivament ghal fatti u atti gudizzjarji konnessi ma' proceduri gudizzjarji inizjati minna antecedentement kontra l-Onor. Prim Ministru u l-Onor. Ministru tal-Gustizzja, l-Avukat

Generali, s-Segretarju Amministrattiv, ic-Chairman tal-Board ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u c-Chairman tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (Citaz. Numru 1302/95).

(ii) Illi fil-kors tal-procedura surreferita quddiem l-ewwel Qorti inghata <u>inter alia</u> digriet <u>fis-6 ta' Marzu 1996</u>, li gie kkonfermat mill-Qorti ta' l-Appell <u>fit-28 ta' Frar 1997</u>, u li in forzi tieghu gie michud ukoll rikors iehor tar-rikorrenti tal-4 ta' Dicembru 1985, f'liema rikors ir-rikorrenti kienet talbet l-isfilz ta' l-atti gudizzjarji in kwistjoni a bazi ta' l-artikolu 994 (3) tal-Kap 12.

(iii) Illi r-rikorrenti appellanti kienet u ghadha ssostni illi,

> "…… kemm id-digriet tal-Qorti (Prim'Awla tas-6 ta' Marzu 1996, u kif ukoll id-decizjoni tal-Qorti tal-Apepll tat-28 ta' Frar 1997 huma nulli u bla effett ghax in vjolazzjoni tad-drittijiet tar-rikorrenti sanciti fl-artikolu 36 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 u bl-Att XIV ta' l-1987 (Kap 319) ir-rikorrent ghandha d-dritt li titlob lil din l-Onorabli Qorti."

(iv) Illi fil-21 ta' Marzu 1997, ir-rikorrenti intavolat rikors kostituzzjonali fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn talbet lil dik il-Qorti biex taghti dawk l-ordnijiet u dawk id-direttivi sabiex tassigura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali taghha kif sanciti fl-art. 36 (1) tal-Kostituzzjoni u fl-art. 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja surreferita u fosthom li,

> "1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-atti gudizzjrji konsistenti fin-nota ta' l-eccezzjonijiet, fid-dikjarazzjoni u fil-lista tax-xhieda ta' l-

intimati Onor. Prim Ministru ; Onor. Ministru tal-Gustizzja u Kunsilli Lokali gja' Ministru ghall-Gustizzja u Arti ; Avukat Generali ; u Segretarju Amministrattiv, ipprezentat fit-30 ta' Novembru 1995 fl-atti tal-kawza fl-ismijiet : Av. Irene Bonello vs l-Onor. Prim Ministru ; l-Onor. Ministru ghall-Gustizzja u l-Arti ; l-Avukat Generali ; s-Segretarju Amministrattiv ; ic-Chairman tal-Board ta' Dixxiplina dwar is-Servizz Pubbliku ; c-Chairman tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (Cit. Numru 1302/95 FGC) huma nota ta' l-eccezzjonijiet, dikjarazzjoni u lista tax-xhieda milli u bla effett ghax in vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorernt sanciti fl-art. 36 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-art. 3 tal-fuq imsemmija konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali.

2. Tordna, ghar-ragunijiet premessi, l-isfilz tal-fuq kwotati (sic) espressjonijiet degredanti u denigratorji fil-konfront tar-rikorrent kontenuti fl-imsemmija nota ta' l-eccezzjonijiet, dikjarazzjoni u lista tax-xhieda ta' l-intimati …….. ipprezentat fit-30 ta' Novembru 1995, fl-atti tal-imsemmija kawza (Cit.Nru. 1302/95 FGC).

3. Tiddikjara u tiddeciedi li d-digriet tas-6 ta' Marzu 1996, moghti mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili u d-decizjoni tat-28 ta' Frar 1997, moghtija mill-Qorti ta' l-Appell, fil-fuq imsemmija kawza ……….. huma digriet u decizjoni nulli u bla effett ghax in vjolazjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti sanciti fl-art. 36 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-art. 3 tal-fuq imsemmija Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali. Bl-ispejjez."

(v) Illi fit-3 ta' Frar 1998, ir-rikorrent ipprezentat rikors iehor fil-kors tal-proceduri kostituzzjonali peress li ssottomettiet ulterjorment li skond l-artikolu 57 (3) tal-Kap 12, l-intimat registratur tal-Qrati ma jistax jiehu l-ordnijiet dwar procedimenti u atti gudizzjarji minghand il-Gvern u dana in kwantu li f'dawn il-procedimenti kien qed jigi ppratrocinat minn membru ta' l ufficju ta' l-Avukat Generali li jirraprezenta l-Gvern fl-istess kawza, u b'hekk anki l-Gvern qed jagixxi kontra l-ligi u talbet li tinghata rimedju opportun.

**ID-DIGRIET U S-SENTENZA APPELLATI**

2. (i) B'digriet taghha moghti in data tat-22 ta' April 1998, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili cahdet it-talbiet tar-rikorrenti ghar-revoka contrario imperio tal-fakolta' akkordata lill-intimati fl-udjenza tat-30 ta' Jannar 1998, u dan billi dik il-Qorti tiddikjara li l-atti hekk prezentati mill-intimati kienu bi ksur tal-art. 57 (3) tal-Kap 12, u li ghalhekk dik il-Qorti kellha tordna l-isfilz ta' l-atti kollha tal-intimati appellati u tinibihom "milli jkomplu jagixxu in vjolazzjoni tad-demokrazija f'din il-kawza".

(ii) B'sentenza moghtija fil-5 ta' Ottubru 1998, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili cahdet it-talbiet kollha tar-rikorrenti kif dedotti fir-rikors promotorju, bl-ispejjez gudizzjarji kontra taghha.

**L-APPELL TAR-RIKORRENTI**

3. (i) Illi l-aggravju tal-appell tar-rikorrenti huwa wiehed duplici billi jikkoncerna talba kemm ghar-revoka tad-digriet moghti fit-22 ta' April 1998, kif ukoll ghas-sentenza moghtija fil-5 ta' Ottubru 1998. Peress li l-appellanti invertiet l-ordni kronologika ta' l-atti u bdiet l-ewwel bl-aggravju dwar is-sentenza u kompliet dwar id-digriet din id-digriet sejra ssegwi l-istess ordni ta' l-appellanti.

(ii) Illi l-aggravji tar-rikorrenti huma s-segwenti :-

Il-Prim'Istanza b'mod mill-aktar superficjali ddisponiet mir-rikors tar-rikorrenti tal-21 ta' Marzu 1997, f'zewg paragrafi u l-bqija tas-sentenza ma fiha xejn hlief recitazzjoni ta' l-atti u riferenza marginalissima ghas-sottomissjonijiet. Il-fattur l-aktar importanti tad-degradazzjoni subita mir-rikorrenti u l-fattispecie tieghu kienu jirrikjedu approfondiment aktar inciziv peress li d-degradazzjoni tar-rikorrenti giet ezercitata mill-awtoritajiet statali. Inoltre l-Prim'Istanza naqset li taghmel l-apprezzament mehtieg biex tara jekk l-iskrutinju tal-Qorti dwar il-kliem degradanti kienx wiehed li oggettivament jinnewtralizza d-degradazzjoni u jirripristina d-drittijiet tar-rikorrenti kif imharsa mill-artikolu 36 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea. Mhux kull skrutinju tal-Qorti, fis-sens kif spjegat il-Prim'Istanza, ghandu jigi kkonsidrat li jkun wiehed korrett u ezercitat kif trid il-ligi. Kieku kull skrutinju tal-Qorti dejjem jigi kkonsidrat bhala presunzjoni *juris et de jure* korrett u ezercitat kif trid il-ligi, jinfetah il-bieb ghall-abbuzi gravi fil-konfront ta' l-individwu. Dan kollu se jigi spjegat b'mod aktar approfondit fis-segwenti paragrafi.

(a) Il-Prim'Istanza qabzet il-punt fundamentali tal-kwistjoni cioe' li kull fejn hemm agir "……. Designed to distress and humiliated the victim ………." [1] kif jirrizulta fil-kaz in ezami, tali agir jammonta ghal trattament degradanti u b'hekk hemm vjolazzjoni ta' l-artikolu 36 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea.

(b) Il-Prim'Istanza minflok iddeplorat l-uzu ta' kliem degradenti li jinsabu fl-atti gudizzjarji u fid-dokumenti pprezentati mill-intimati, kkoncernat fuq argumenti irrelevanti li mhumiex rikonciljabbli mal-kontenut ta' l-artikolu 36 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea.

(c) Il-Prim'Istanza injorat l-oltragg u l-umiljazzjoni kkawzati lir-rikorrenti mill-intimati bid-degradazzjoni uzata minnhom fil-konfront taghha, liema degradazzjoni hija gravi, evidenti u innegabbilment presenti fin-nota ta' l-eccezzjonijiet, fid-dikjarazzjoni, fil-lista tax-xhieda u fid-dokumenti pprezentati mill-intimati fit-30 ta' Novembru 1995, fil-kawza civili fl-ismijiet "Avukat Irene Bonello vs l-Onorevoli Prim Ministru et" citazzjoni numru 1302/95 FGC.

(d) Il-Prim'Istanza ammettiet li hija konsapevoli li l-intimati uzaw kliem degradanti u denigratorju f'atti gudizzjarji u fid-dokument taghhom, pero' fl-istess hin il-Prim'Istanza naqset li tipproteggi lir-rikorrenti minn tali degradazzjoni bil-pretest li "…..gialadarba l-istess Qorti, meta hekk mitluba mir-rikorrenti, kienet ta' l-opinjoni li l-kliem jew frazijiet uzati ma kienux tali li jimmeritaw l-applikazzjoni tas-sanzjonijiet kontemplati fl-artikolu 994 tal-Kap 12, din il-Qorti ma tistax tirraviza xi element ta' gravita' fl-uzu ta' l-istess kliem." Hawn il-Prim'Istanza 1997,

---

[1] Kwotazzjoni mill-ktieb "European Human Rights Taking a case under the Convention – Like J.

giet mitluba tara (i) d-degradazzjoni kommessa mill-intimati u permessa mill-Qrati, (ii) l-oltragg u l-umiljazzjoni tar-rikorrenti kkawzati b'tali degradazzjoni kemm mill-intimati u kif ukoll mill-Qrati ; u (iii) il-ksur tad-drittijiet tar-rikorrenti sanciti kemm mill-artikolu 36 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u kif ukoll mill-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea, liema ksur sar kemm mill-intimati u kif ukoll mill-Qrati.

(e) Ghalhekk il-Prim'Istanza naqset li tivvaluta s-sitwazzjoni fid-dawl ta' l-artikolu 36 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea u naqset ukoll li tara li din il-kawza kostituzzjonali hija dwar l-oltragg u l-umiljazzjoni soferti mir-rikorrenti bhala rizultat tad-degradazzjoni wzata mill-intimati liema degradazzjoni giet permessa mill-Qrata in vjolazzjoni ta' l-istess artikolu 36 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-imsemmi artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea.

(f) Din il-kawza kostituzzjonali saret mhux biss fir-rigward tal-kliem degradanti li thallew mill-Qrati fl-atti gudizzjarji, u fid-dokumenti pprezentati mill-intimati, imma saret anki fir-rigwars tal-kliem li gew sfilzati mill-Qrati – ghaliex l-oltragg u l-umiljazzjoni soferti mir-rikorrenti u ezercitati mill-Qrati fir-rigward tar-rikorrenti huma oltragg u umiljazzjoni li saru anki fl-ghazla li ghamlu l-Qrati kemm tal-kliem li thallew mill-Qrati u kif ukoll tal-kliem ta' gew sfilzati mill-Qrati.

---

Clements Sweet & Maxwell – 1994 pagna 111.

(g) Fil-fatt meta tigi paragonata l-gravita' tal-kliem degradanti li thallew man-nautra tal-kliem li gew sfilzati, minnufih huwa evidenti li l-Qrati ghazlu li jhallu l-kliem li huma l-aktar degradanti, u l-aktar oltragguzi fir-rigward tar-rikorrenti. Huwa evidenti l-ksur da parti tal-Qrati tad-dover taghhom li jassiguraw li r-rikorrenti ma tigix assoggettata ghal trattament degradanti. Dan il-ksur huwa evidenti pereses li huma l-Qrati stess li qeghdin jassoggew lir-rikorrenti ghal trattament degradanti. Dan il-ksur huwa l-vjolazzjoni tad-drittijiet tar-rikorrenti sanciti fl-artikolu 36 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea.

(h) L-oltragg li l-Prim'Istanza giet mitluba tara, jirrizulta (i) kemm mid-degradazzjoni ezercitata mill-intimati u (ii) kif ukoll mill-fatti li huma l-Qrati stess li hallew li r-rikorrenti tigi degredata mill-bidu nett tal-kawza civili citazzjoni numru 1302/95 FGC, u li ppermettew u li komplew jippermettu li l-intimati wzaw kliem degradanti fir-rigward tar-rikorrenti fl-atti gudizzjarji u fid-dokumenti pprezentati minnhom. Dan huwa oltragguz ghaliex huma l-Qrati stess li jippermettu li r-rikorrenti tigi degradata.

(i) Il-Prim'Istanza dahlet f'materja rrilevanti u tat interpretazzjoni zbaljata ta' l-artikolu 36 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea (i) kemm meta qalet li fis-subincizi li jsegwu l-artikolu 36 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta "l-enfasi hija fuq "pieni" li jistghu

jigu imposti.” u (ii) kif ukoll meta qalet : “…… kemm il-Konvenzjoni Ewropea, u multo magis il-Kostituzzjoni ta’ Malta, fl-artikoli rilevanti jitkellmu dwar “tortura” u “piena inumana jew degradanti”. Isegwi li t-“trattament degradanti” li trid il-ligi jrid ikun marbut ma’ sitwazzjoni fejn l-oggett ta’ tali deportament jkun taht il-kontroll tal-persuna li tezercitah u inoltre li tali trattament jkun ta’ certa gravita’.”

(j) L-artikolu 36 (1) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta jipprovdi ; “Hadd ma ghandu jkun assoggettat ghal piena jew trattament inuman jew degradanti.” L-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea jistabbilixxi : “Hadd ma ghandu jkun assoggettat ghal tortura jew ghal trattament jew piena inumana jew degradanti.”

(k) L-imsemmi artikolu 36 (1) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta jiddistingi bejn erba’ (4) klassifikazzjonijiet differenti ta’ maltrattament li huma : ‘piena inumana” ; “trattament inuman”; “piena degradanti” ; “trattament degradanti”. Bejn kull klassifikazzjoni ta’ maltrattament hemm il-kelma ‘”jew” li turi li kull klassifikazzjoni ta’ maltrattament imsemmija f’dan l-artikolu hija distinta u separata mill-maltrattamenti l-ohra imsemmija fl-istess artikolu. Inoltre l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea jiddisting bejn : “tortura” ; “trattament inuman” ; “piena inumana” ; “trattament degradati” ; “piena degradanti”. Huwa evidenti li anki fl-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea hemm distinzjoni bejn kull klassifikazzjoni ta’

maltrattament hemm imsemmija, anki in vista tal-fatt li bejn kull klassifikazzjoni ta' maltrattament hemm il-kelma "jew".

(l) Fil-kawza kostituzzjonali odjerna l-Qorti ghandha quddiemha kaz ta' trattament degradanti. Skond l-interpretazzjoni moghtija mill-Kummissjoni Ewropea u mill-Qorti Ewropea, trattament degradanti huwa maltrattament ta' natura differenti u distinta kemm minn tortura u kif ukoll minn piena inumana jew piena degradanti u anki minn trattament inuman.

(m) L-awtur Luke J. Clements jikteb "Article 3 is one of the non-derogable rights under Article 15 … . The duty placed upon the state is to ensure that within its jurisdiction …. no one is subjected to such ill treatment. … … … . Whilst torture and inhuman treatment connoted unnecessary assaults within the tortious meaning of the word, degrading treatment is concerned with behaviour that is designed to distress and humiliated the victim." [2] Il-Kummissjoni Ewropea u l-Qorti Ewropea kkonsidraw li fl-interpretazzjoni ta' trattament degradanti "…. What matters is that the treatment …. should constitute 'an assault on precisely that which is one of the main purposes of Art. 3 to protect, namely a person's dignity ….' …. ." [3] Inoltre "In Patel v U.K. (East African Afsians case) …. the Commission considered that degrading

[2] Kwotazzjoni mill-ktieb "European Human Rights Taking a Case under the Cinvention – Luke J. Clements Sweet & Maswell – 1994 pagna 111.
[3] Kwotazzjoni mill-ktieb "The European System for the Protecton of Huma Rights" edited by R. ST. J. Macdonals, F. Matscher, H. Patzold – Martinus Nijhoff Publishers – 1993, pagna 243.

treatment was not restricted to actual assaults but included acts of a serious nature designed to interfere with the dignity of a person … …. …". F'dan il-kaz, cioe' Patel vs U.K. disposizzjonijiet diskriminatorji kontenuti f'ligi jew ikkunsidrati mill-Kummissjoni Ewropea bhala trattament degradanti.

(n) Il-Prim'Istanza kompliet taghti interpretazzjoni zbaljata ta' l-artikolu 36 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea meta qalet li l-att gudizzjarju li fih il-kliem degradanti u denigratorju" …… huwa soggett ghall-iskrutinju tal-Qorti u t-tmexxija tal-istess proceduri li jsegwu dak l-att, hemm ukoll taht il-kontroll tal-Qorti. Ghalhekk ir-rikorrenti fl-ebda mod ma kienet assoggettat ghal volonta tal-intimati ….". Hawn il-Prim'Istanza qeghda tinjora l-fatt li meta l-atti gudizzjarji u d-dokumenti kontenenti d-degradazzjoni gew quddiem il-Qrati, r-rikorrenti kienet diga' giet assoggettata ghad-degradazzjoni da parti ta' l-intimati peress li l-istess atti gudizzjarji u dokumenti kienu diga' gewipprezentati u inseriti fil-process.

(o) Kien proprju fil-mument tal-prezentata ta' l-atti gudizzjarji u dokumenti ta' l-intimati, li d-degradazzjoni tar-rikorrenti giet attwata u sehhet. In segwitu ghall-prezentata gara li fl-ewwel udjenza li saret fis-6 ta' Marzu 1996, u fil-perjodu u fl-udjenzi sussegwenti d-degradazzjoni tar-rikorrenti giet aggravata peress li l-Qrati saru konsapevoli tal-fatt li r-rikorrenti kienet assoggettata ghal trattament degradanti pero' l-istess

Qrati ppermettew li jkompli jsir it-trattament degradanti. B'hekk il-Qrati naqsu li jissalvagwardjaw id-drittijiet tar-rikorrenti sanciti fl-artikolu 36 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea.

(p) Inoltre l-Prim'Istanza qabzet l-aggravanti tad-degradazzjoni ezercitata mill-intimati f'dan il-kaz cioe' (i) in-nautra tal-kliem degradanti, (ii) l-mezz li gie uzat ghall-ezercizzju tad-degradazzjoni ossia l-atti gudizzjarji u d-dokumenti, (iii) l-fatt li d-degradazzjoni saret fir-rigward tar-rikorrenti li hija avukat u ghandha dritt ghall-protezzjoni ta' l-indipendenza taghha bhala membru tal-professjoni legali, u (iv) l-fatt li l-atti gudizzjarji u d-dokumenti kontenenti d-degradazzjoni huma atti gudizzjarji u dokumenti ta' l-awtorita' pubblika – dan huwa l-aggravanti principali cioe' li l-awturi tad-degradazzjoni huma proprju dawk ir-rappresentanti ta' l-awtorita' pubblika li ghandhom id-dmir li jipproteggu l-individwu minn abbuzi u minn vjolazzjonijiet.

(q) Fil-fatt l-awturi tad-degradazzjoni hawn huma (i) membri ta' l-Esekuttiv ta' l-Istat ta' Malta ossia l-Prim Ministru u l-Ministru tal-Gustizzja, inkluzi l-Avukat Generali u s-Segretarju Amministrattiv, u (ii) r-Registratur tal-Qrati li ghandu jiehu l-ordnijiet mehtiega minghand l-Awtorita' Gudizzjarja u mhux minghand l-Esekuttiv. Il-kariga ta' l-intimati u r-responsabbilitajiet taghhom huma kollha fatturi aggravanti tad-degradazzjoni ezercitata minnhom fir-rigward tar-rikorrenti.

Ir-rikorrenti interponiet appell anki mid-digriet moghti f'din il-kawza kostituzzjonali mill-Prim'Istanza fit-22 ta' April 1998, fejn il-Prim'Istanza cahdet it-talbiet ta' l-esponenti kontenuti fir-rikors taghha tat-3 ta' Frar 1998 u dan fuq l-aggravju segwenti :-

(a) Il-Prim'Istanza tat interpretazjoni zbaljata ta' l-artikolu 57 (3) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili u tar-rwol tar-Registratur tal-Qrati in relazzjoni ma' l-atti gudizzjarji u dokumenti degradanti pprezentati mill-intimati, peress li qalet ; "Fil-kaz in ezami l-intimat registratur tal-Qorti mhux qed iwettaq xi funzjoni jew dmir skond l-artikolu fuq citat izda pjuttost jinsab f'posizzjoni ta' konvenut jew intimat fi proceduri istitwiti mir-rikorrent li, l-istess registratur, ma kellu ebda kontroll fuq il-kawza li tat lok ghal dawn il-proceduri."

(b) Kontrarjament ghal dak li qalet il-Prim'Istanza (li gie kkwotat fil-paragrafu precedenti), s-sehem li r-Registratur tal-Qrati ghandu fil-kaz in ezami huwa bazat proprju fuq il-kariga tieghu ta' Registratur u fuq il-funzjonijiet u dmirijiet tieghu imsemmija artikolu 57 (3) fir-rigward ta' l-atti gudizzjarji. Fit-30 ta' Novembru 1995, cioe' meta l-intimati pprezentaw l-atti gudizzjarji u d-dokumenti degradanti fir-rigward tar-rikorrenti, r-Registratur kellu d-dmir li josserva l-obbligi tieghu stabbiliti b'mod generali fl-artikolu 57 (3) u specifikati fid-diversi artikoli l-ohra li jinsabu fl-istess Kodici.

(c) Fil-fatt fil-kaz in ezami r-Registratur skond id-dmir li josserva l-obbligi generali tieghu elenkati fl-artikolu 57 (3) u bhala konsegwenza ta' dawn l-obbligi generali tieghu, kellu jaddotta d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 184 (1) ta' l-istess Kodici, u "….. jaghmel rapport lill-Qorti sabiex din taghtih l-ordnijiet mehtiega sabiex fuqhom huwa jimxi ……… "Dawn huma obbligi li r-Registratur naqas li josserva fit-30 ta' Novembru 1995, lihija il-gurnata tal-prezentatata mill-intimati ta' l-atti gudizzjarji u dokumenti degradanti. F'dik il-gurnata, cioe' fit-30 ta' Novembru 1995, ir-Registratur kellu l-kontroll shih tas-sitwazzjoni. Ghalhekk kontrarjament ghal dak li kkonkludiet il-Prim'Istanza, r-Registratur kellu l-kontroll shih fuq il-kawza li tat lok ghal dawn il-proceduri. Kien ir-Registratur in vjolazzjoni tal-fuq imsemmija dmirijiet tieghu, ghazel li accetta tali atti gudizzjarji u dokumenti degradanti minghajr ma jirrapporta lill-Qorti u minghajr ma jitlob l-ordnijiet mehtiega tal-Qorti. Huwa fid-dawl ta' din l-ommissjoni tar-Registratur li huwa citat f'din il-kawza kostituzzjonali u bhala tali ma jistax jigi rappresentat mill-intimat l-iehor l-Avukat Generali – li a sua volta huwa wiehed mill-awturi tad-degradazzjoni u jirrapprezenta l-Gvern f'din l-istess kawza.

(d) Ir-Registratur tal-Qrati mhuwiex "dipartiment" kif jigi deskritt mill-Prim'Istanza fid-digriet taghha tat-22 ta' April 1998, peress li :-

(i) ghandu funzjoni essenzjali fl-amministrazzjoni tal-gustizzja, kif jirrizulta mill-artikoli 57 sa 66 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili u anki minn diversi disposizzjonijiet ohra li hemm fl-istess Kodici;

(ii) mad-dhul ghad-dmirijiet tieghu jiehu l-gurament stabbilit fl-artikolu 60 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili;

(iii) ghandu jiehu l-ordnijiet minghand l-awtorita' gudizzjarja skond kif huwa pprovdut fl-artikolu 57 (3); u

(iv) huwa responsabbli, fost affarijiet ohra ghall-fatti gudizzjarji u ghad-dokumenti.

(e) Huwa proprju in vista tal-fatti u disposizzjonijiet legali elenkati fil-paragrafi precedenti u specjalment in vista tal-fatt li r-Registratur tal-Qrati ghandu funzjoni essenzjali fl-amministrazzjoni tal-gustizzja, li allura tirrizulta zbaljata l-konkluzjoni tal-Prim'Istanza, meta qalet : "……. f'din is-sitwazzjoni l-intimat Registratur kellu kull dmir jiddifendi lilu nnifsu u, kif isir normalment f'kaz ta' kull dipartiment iehor, gie inkarigat l-Avukat tar-Repubblika sabiex jiddifindi l-interessi tal-istess Registratur tal-Qrati." Hawn il-Prim'Istanza waslet ghall-konkluzjoni zbaljata peress li r-Registratur fil-kariga specjali tieghu, li tmur oltre dik ta' semplici "dipartiment", ma setax jaghzel l-Avukat Generali bhala r-rappresentant legali tieghu f'din il-kawza. Hawn jigi sottolineat il-fatt li f'din il-kawza, l-

Avukat Generali huwa intimat flimkien mar-Registratur tal-Qrati, inoltre l-Avukat Generali huwa wiehed mill-awturi tad-degradazzjoni tar-rikorrenti u ghandu interess dirett f'din il-kawza.

(f) Fil-kaz in ezami l-Avukat Generali huwa intimat bhala rappresentant tal-Gvern, kap ta' dipartiment governattiv u awtur ta' degradazzjoni. Huwa mhux qieghed jezercita s-setghat imsemmija fl-artikolu 91 (3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta li ghamlet riferenza ghalihom il-Prim'Istanza. Din il-kawza kostituzzjonali ma tidholx fl-ambitu ta' l-artikolu 91 (3) tal-Kostituzzjoni peress li hawnhekk l-Avukat Generali mhux qieghed jezercita s-setghat imsemmija f'dak l-artikolu. Ghalhekk hija kategorikament zbaljata r-riferenza da parti tal-Prim'Istanza ghall-artikolu 91 (3) tal-Kostituzzjoni.

(g) Minn dak premess fil-paragrafu precedenti jsegwei li anki r-riferenza da parti tal-Prim'Istanza ghall-artikolu 97 (2) u (3) tal-Kostituzzjoni hija zbaljata peress li dak imsemmi fl-artikolu 97 (2) u (3) japplika ghall-Avukat Generali meta huwa jkun qieghed jezercita s-setghat imsemmija fl-artikolu 91 (3) tal-Kostituzzjoni u mhux f'cirkostanzi ohra.

(h) Ghalhekk mill-premess jirrizulta li f'din il-kawza kostituzzjonali r-Registratur tal-Qrati ma jistax ikun legalment rappresentat mill-intimat l-

Avukat Generali li huwa rappresentant tal-Gvern, kap ta' dipartiment governattiv u awtur ta' degradazzjoni gravi fir-rigward tar-rikorrenti.

(i) Inoltre d-demokrazija sancita mill-Kostituzzjoni ta' Malta tezigi li ma jkunx hemm interferenzi da parti ta' l-Esekuttiv fil-konfront ta' l-Awtoritajiet Gudizzjarji, li ghandhom ikunu indipendenti mill-Esekuttiv. Huwa ghal din ir-raguni li l-esponenti fir-rikors taghha tat-3 ta' Frar 1998, ghamlet riferenza ghad-demokrazija sancita mill-Kostituzzjoni.

Ghaldaqstant, l-appellanti talbet li din il-Qorti joghgobha tilqa' t-talbiet kollha ta' l-esponenti kontenuti fir-rikorsi taghha tal-21 ta' Marzu 1997, u tat-3 ta' Frar 1998, tichad l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimati kontenuti fir-risposti taghhom tat-3 ta' April 1997 u tat-12 ta' Frar 1998, tirrevoka s-sentenza appellata tal-5 ta' Ottubru 1998, u tirrevoka d-digriet appellat tat-22 ta' April 1998. Bl-ispejjez kollha taz-zewg istanzi kontra l-intimati appellati.

**<u>IR-RISPOSTA TA' L-INTIMATI</u>**

4. L-appellanti wiegbu hekk :-

(i) Illi s-sentenza ta' l-ewwel Onorabbli Qorti moghtija fil-5 ta' Ottubru 1998, hija gusta u timmerita konferma u li l-appell tar-rikorrenti ghandu jkun michud bl-ispejjez.

(ii) Illi kontar dak li tissottometti r-rikorrenti f'pagna 6, l-ewwel Onorabbli Qorti indagat fil-fond is-sottomissjonijiet tar-rikorrenti u dan meta l-allegazzjonijiet maghmula ma setghu bl-ebda mod jitqiesu li jaqghu taht l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni jew l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

(iii) Kontra dak li qed tissottometti r-rikorrenti fil-paragrafu (a) pagna 6 : ma kien hemm ebda agir da parti ta' l-intimati li kien intiz biex jumiljaha.

(iv) Ghal dak li hemm fil-paragrafu (b) : il-Prim'istanza kkoncentrat fuq l-argument relevanti.

(v) Ghal dak li hemm fil-paragrafu (c) : il-Prim'Istanza ma setghetx issib degradazzjoni fejn ma kienitx hemm. Id-degradazzjoni ma tibdiex tissusisti billi wiehed jirrepeti li qeghda hemm. Huma l-fatti li jiddeterminaw l-esistenza o meno ta' xi degradazzjoni.

(vi) Ghal dak li hemm fil-paragrafu (d) : il-Prim'Istanza ma ammettiet xejn. Anzi rragunat li jekk dawn il-kliem lanqas kienu jmorru kontra l-Artikolu 994 tal-Kap 12, kif setghu qatt imorru kontra l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni jew l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni?

(vii) Ghal dak li hemm fil-paragrafu (e) : il-Prim'Istanza ma naqset xejn u stharrget il-lamenti tar-rikorrenti bir-reqqa. Il-bqija ta' dan il-paragrafu tar-rikorrenti hija ripetizzjoni ta' dak li ntqal qabel mir-rikorrenti.

(viii) Ghal dak li hemm fil-paragrafu (h) : jekk xi kliem gew sfilzati mill-Qrati, allura r-rikorrenti diga' hadet rimedju. Hadd m'ghandu dritt biex jiehu rimedju darbtejn.

(ix) Ghal dak li jidher fil-paragrafu (i) : il-Prim'Istanza interpretat korrettement l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni. La fil-kaz tar-rikorrenti ma kien hemm ebda tortura jew piena inumana u degradanti – zewg elementi saljenti fiz-zewg artikoli – kien logiku li l-Prim'Istanza taghmel enfasi fuq dawn l-elementi.

(x) Fil-paragrafu (j) hemm biss riproduzzjoni ta' l-Artikolu rilevanti waqt li fil-paragrafu (k) hemm biss il-klassifikazzjoni tat-trattamenti li hemm pprojbiti.

(xi) Ghal dak li hemm fil-paragrafu (l) assolutament mhux minnu li din l-Onorabbli Qorti "ghandha quddiemha kaz ta' trattament degradanti". Dan hu apprezzament zbaljat tar-rikorrenti.

(xii) Il-kazi msemmija mir-rikorrenti fil-paragrafu (m) m'ghandhomx x'jaqsmu mal-fatti tal-kaz odjern u ghalhekk huwa rrilevanti.

(xiii) Ghal dak li gie sottomess fil-paragrafi (n) u (o), dan huwa kollu ripetizzjoni ta' l-istess argumenti li ngiebu qabel.

(xiv) Ghal dak li gie sottomess fil-paragrafi (p), gia' intwera fin-noti estensivi li jinsabu fil-process li fl-atti gudizzjarji promotorji mkien m'hemm kliem degradanti. Ir-rikorrent qed tinsa wkoll x'issottomettiet hi fl-att promotorju taghha.

(xv) Ebda Ministru jew funzjonarju msemmi fil-paragrafu (q) ma kisru d-drittijiet tar-rikorrenti.

(xvi) Illi, fi kwalunkwe kaz, l-intimati kienu eccepew "biex decizjoni fuq il-lament tar-rikorrent ikollha effett fuq il-procedura minnha inkriminati, l-procedura kollha tkun billi titqajjem il-kwistjoni f'dik il-kawza, u din il-procedura ma jistax ikollha ezitu f'dan il-kaz.

Dan ir-rikorrenti naqset li taghmlu u minflok intavolat rikors mill-gdid quddiem il-Qorti ppreseduta b'mod differenti sew qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-decizjoni taghha ta' 1 ta' Novembru 1996, fil-kawza fl-ismijiet "Frans Ghirxi versus l-Onor. Prim Ministru Dr. Eddie Fenech Adami u Avukat Generali":-

> "Gialdarba r-rikorrent ghazel it-triq tar-rikors flok dik tat-tqanqil tal-kwistjoni taht l-Art 46 (3) tal-Kostituzzjoni, din il-Qorti ma tista' taghmel xejn li b'xi mod jindahal fl-andament tal-kawza tal-libell, u dan kif tajjeb osserva l-Avukat Generali fil-kors tat-trattazzjoni tieghu."

(xvii) (a) Dwar ir-rikors ta' appell tar-rikorrent mid-digriet moghti fit-22 ta' April 1998, f'pagna 11, l-intimati jissottomettu li d-decizjoni tal-Prim'Istanza hija gusta u timmerita konferma. Ir-Registratur tal-Qrati m'hu qed jiehu ebda istruzzjoni mill-Avukati tal-Gvern waqt li l-intimati m'ghamlu xejn kontra l-ligi.

(b) Il-Prim'Istanza tat interpretazzjoni korretta ta' l-Artikolu 57 (3) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili u r-Registratur agixxa b'mod korrettissimu fl-agir fdat lilu.

Kontra dak li qed tissottimetti r-rikorrenti (pagna 13) m'hemm xejn li l-Avukati tal-Gvern jippatrocinaw ir-Registratur tal-Qrati. Sew qalet l-ewwel Istanza li r-Registratur kellu kull dritt jiddefendi lilu nnifsu u huwa liberu li jaghzel lil min irid biex jiddefendih.

(c) Ma kien hemm ebda indhil ta' l-esekuttiv fil-konfront ta' l-Awtoritajiet Gudizzjarji.

Ghaldaqstant, l-appellati talbu lil dina l-Qorti tikkonferma s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim'Istanza fil-5 ta' Ottubru 1998 u d-digriet moghti mill-istess Qorti fit-22 ta' April 1998, waqt li tichad it-talbiet

maghmula fir-rikorsi kollha tar-rikorrenti. Bl-ispejjez kollha taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

**IR-RISPOSTA TAR-REGISTRATUR TAL-QRTI GHAR-RIKORS TA' APPELL TAL-ATTRICI**

5. Ir-Registratur tal-Qorti, appellat, wiegeb hekk :-

(i) Kif gie eccepit mill-bidu fir-rikors promotorju ma huwa qieghed jintalab ebda rimedju fil-konfront tal-esponenti li gie mharrek biss “ghal kull interess li jista' jkollu”.

(ii) L-esponent ma ghandu ebda interess fil-proceduri prezenti.

(iii) Ghalhekk l-esponenti tirrimetti ruhha ghall-gjudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti pero' mill-gdid tirribatti li ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gjudizzju, bl-ispejjes.

**IS-SENTENZA TA' DIN IL-QORTI**

6. Ir-rikorrenti appellanti tillanja mill-fatt li, skond hi, in kwantu ghas-sentenza kif moghtija mill-ewwel Qorti, dik il-Qorti “naqset li taghmel l-apprezzament mehtieg biex tara jekk l-iskrutinju tal-Qorti dwar il-kliem degradanti kienx wiehed li oggettivament jinnewtralizza d-degradazzjoni u jirriprestina d-drittijiet” taghha kif imharsa mill-Kostituzzjoni u mill-

Konvenzjoni Ewropeja. Dejjem skond l-appellanti, l-ewwel Qorti naqset li "tivvaluta s-sitwazzjoni fid-dawl tal-artikolu 36 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja.

Illi, apparti r-ripetizzjonijiet li jikkaratterizzaw xi whud mis-sottomissjonijiet tal-appellanti, din il-Qorti, wara li ezaminat sew l-atti tal-kawza, ma tikkondividi bl-ebda mod dak li baqghet tasserixxi l-appellanti b'insistenza tul dawn il-proceduri.

7. Illi minn ezami tas-sentenza appellata, jirrizulta invece li, gustament, l-ewwel Qorti wara li esponiet il-kaz taz-zewg nahat, irreferiet imbaghad ghall-atti u decizjonijiet li kienu nghataw quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili in konnessjoni ma' proceduri separati mehudin in forza tal-ligi ordinarja taht dak li hemm ipprovdut fil-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili – Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Tali riferenza kienet mhux biss utli imma, fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, necessarja u indispensabbli. Dan hu hekk ghar-raguni li effettivament jirrizulta li l-appellanti diga' kienet ipprocediet kontra l-intimati appellanti in konnessjoni mal-atti responsivi li dawn kienu pprezentaw biex jirribattu l-allegazzjonijiet li saru kontrihom mir-rikorrenti odjerna – allegazzjonijiet u premessi li tahseb x'tahseb dwarhom l-appellanti certament m'humiex privi minn dicitura dozata ta' natura xejn kumplimentuza fil-konfront dwar l-allegat operat tal-kontro-parti fil-konfront taghha. L-utilita' u n-necessita' ta' din ir-riferenza

tohrog mir-realizzazzjoni li r-rikorrenti diga’ kienet talbet u otteniet rimedju taht il-ligi ordinarja. Jidher evidenti li r-rikorrenti ma hassithiex sodisfatta b’dak li gie deciz dakinhar mill-Prim’Awla u kkonfermat mill-Qorti ta’ l-Appell pero’ jibqa’ fatt li rimedju kien inghata lilha fis-sens li l-ilmenti gew debitament mistharrga, Hekk bid-digriet taghha moghti fis-6 ta’ Marzu 1996, il-Prim’Awla tal-Qorti Civili kienet cahdet it-talba tar-rikorrenti billi kienet :-

> “tinsab sodisfatta illi l-ksur ta’ dak li hemm dispost fl-art. 994 (1) u (2) ma sarx b’rieda tal-konvenut izda biex huma jiddefendu ruhhom minn akkuzi pezanti …… u ghalhekk, jista’ jkun hemm rimedju billi l-kliem ipprojbiti jithassru.”

Fl-istadju ta’ appell, kif jemani kjarament mis-sentenza datata t-28 ta’ Frar 1997, l-aggravji tar-rikorrenti regghu gew mistharrga profunditus – u dan minkejja n-nuqqas ta’ konvinciment espress mir-rikorrenti. Dik il-Qorti bdiet billi rriteniet li in kwantu l-appell jolqot it-talba ghall-isfilz ta’ dokument mill-process, li tali talba kienet irritwali f’dak l-istadju billi l-ligi tal-procedura kienet tesigi li digrieti simili ma setghux jigu kontestati qabel ma tinghata s-sentenza definittiva. Kien hemm inoltre irritwalita’, u kwindi nullita’, tal-Kap 12 galadarba dawn kienu provvedimenti ta’ indole penali fejn hija l-Qorti, bhala l-parti leza u mhux il-parti li tiehu passi u tikkundanna lill-parti hatja ta’ disprezz.

Kwantu mbaghad ghall-allegat kliem “degradanti” (kliem adoperat mir-rikorrenti u mhux abbraccjat mill-Qorti), il-Qorti tal-Appell esprimiet ruhha li kienet,

> "taqbel perfettament bil-mod kif giet ezercitata (d-diskrezzjoni) mill-ewwel Qorti."

Igifieri, fl-applikazzjoni tal-artikolu 994 (4) tal-Kap 12 billi din ghaddiet biex tordna li jinqata' barra xi kliem, minflok li jigi sfilzat l-att kollu – procedura li <u>del resto</u> ma kienitx l-ewwel darba li giet adoperata minn dawn il-Qrati f'kazijiet ohra.

8. Illi maqtugh l-appell surreferit, wiehed kellu ghaliex jahseb li l-incident kien gie issa konkjuz, imqar jekk ma kienx necessarjament ifisser ukoll li l-attrici f'dik il-kawza kellha tkun sodisfatta. Imma evidentement ghall-attrici dan ma kienx hekk. Di fatti, hija bdiet proceduri godda, din id-darba ta' indole kostituzzjonali, bl-ilment li hija kienet giet trattata b'mod

> "degradanti u denigratorju fil-proceduri fuq imsemmija bi ksur ta' l-artikolu 36 (1) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja."

Illi l-ewwel Qorti, fis-sentenza appellata, ikkonsidrat l-applikabilita' o meno tal-artikli surreferiti, invokati mill-appellanti, fis-sens jekk dawn kienux tabilhaqq intizi biex iharsu lill-individwu minn trattament degradanti bl-uzu ta' kliem 'denigratorju" kif gie allegat mill-appellanti jew jekk dawn humiex intizi biss biex jissalvagwardjaw individwu milli jigi assoggettat ghal trattament simili waqt li jkun taht arrest jew mizmum kontra l-volonta' tieghu. Dik il-Qorti rriteniet, u din il-Qorti taqbel maghha, "li l-interpretazzjoni li r-rikorrenti qeghda taghti lill-

artikoli in kwistjoni tmur kontra l-iskop ta' l-istess artikoli." Dan hu hekk 'il ghaliex kemm il-Konvenzjoni Ewropeja u aktar minn hekk il-Kostituzzjoni taghna, jitkellmu dwar "tortura" u "piena" inumana jew degradanti taht l-istess kappa. Jidher li "trattament degradenti" irid jiskaturixxi minn sitwazzjoni "fejn l-oggett ta' tali diportament ikun taht il-kontroll tal-persuna li tezercitah u inoltre li tali trattament ikun ta' certa gravita'."

Issa fil-kaz jew sitwazzjoni li fiha ticcentra r-rikorrenti si tratta ta' atti proceduralì li finalment huma <u>taht il-kontroll shih tal-Qorti</u>. Ir-regoli tal-procedura jipprovdu proprju dak li ghandu jsir f'kazi fejn kliem jew termini jmorru 'l hinn minn dak li hu mehtieg jew konsentit ghall-ahjar andament ta' kawza. Jista' l-intervent tal-Qorti, jew qabilha bl-intervent tar-Registratur, li tali atti ma jigux accettati imma b'daqstant ma jfissirx li kull fejn isir intervent simili jkun ifisser ukoll li sar oltragg. Kull parti f'kawza ghandha l-istess drittijiet u fuqhom hemm il-Qorti u kwindi ma hemm l-ebda 'vittma" kif donnha tippostula l-appellanti. Illi minn dak li jirrizulta mill-proceduri surreferiti, ghalkemm kien hemm il-htiega ta' intervent mill-Qorti biex certu kliem jitnehha, ma kien hemm l-ebda accenn li dan sar ghax si trattava ta' xi "oltragg u umiljazzjoni" jew ghax kienet irrizultat xi forma ta' "degradazzjoni gravi, evidenti u innegabilment prezenti fin-nota ta' l-eccezzjonijiet …." fil-konfront tal-attrici. Fir-realta' l-ewwel Qorti ma ammettiet xejn minn dak li l-appellanti dehrilha li ghandha tattribwilha u certament qatt ma tat

wiehed x'jifhem li kienet qeghda taccetta jew b'xi mod timiplika li kien irrizultalha trattament degradati fis-sens espress mill-appellanti. Li kieku kien hemm l-oltragg imsemmi b'insistenza mill-appellanti, l-intervent tal-Qorti kien ikun xort'ohra.

9. L-appellanti pero' ma tieqafx hawn. Tissottometti inoltre li l-kawza kostituzzjonali in ezami saret

> "mhux biss fir-rigward tal-kliem degradanti li thallew mill-Qrati fl-atti gudizzjarji u fid-dokumenti pprezentati mill-intimati, imma saret fir-rigward tal-kliem li gew sfilzati mill-Qrati."

Dan hu, bir-rispett kollu, argoment fallaci ghal kollox. Gja' inghad li bis-soppressjoni ta' kliem mhux mehtieg, bl-intervent tal-Qorti, ma jfissirx li dan sar b'rikonoxximent li kien hemm xi att degradanti jew trattament inuman fis-sens tal-ligi. Minbarra dan, bil-fatt li l-Qorti laqghet talba ghal fini ta' rimedju opportun ad istanza tal-attrici f'dik il-procedura, alkwantu l-akkoljiment kien wiehed parzjali, dan kien ifisser li rimedju effettivament gja' inghata. Oltre dan, hemm kunsiderazzjoni ohra importanti li giet fis-sehh in konsegwenza tal-kancellament ta' whud mill-kliem kif ordnat mill-Qorti. Darba li tali kliem gie mhassar dan ifisser li ma baqax aktar parti mill-atti tal-procediment billi 'quod non est in acti non est in mundo'. Illi ghalhekk l-asserzjoni tal-appellanti li fic-cirkostanzi kienu "l-Qrati stess li jippermettu li r-rikorrenti" tigi degradata mhux biss hija asserzjoni fiergha u legalment bla bazi imma li n-natura offensiva taghha tirrazenta addirittura d-disprezz. Lanqas ma kienet

korretta l-appellanti li ssostni li fl-interpretazzjoni taghha tal-artikolu 36 (1) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja l-ewwel Qorti “dahlet f’materja irrilevanti u tat interpretazzjoni zbaljata.” Ghall-kuntrarju, fil-fehma konsiderata ta’ din il-Qorti, l-ezami maghmul mill-ewwel Qorti ta’ dawn iz-zewg artikoli kien wiehed f’loku u l-kostazzjonijiet maghmulin dwarhom minn dik il-Qorti kienu tajbin, taqbel jew ma taqbilx maghhom l-appellanti.

10. Illi fir-risposta fl-eccezzjonijiet tal-konvenuti, l-intimati appellati f’din il-kawza kellhom quddiemhom citazzjoni li fiha gew rivolti kontrihom agir, operat u akkuzi serjissimi, whud mil-liema, jammontaw ghal agir ta’ indole kriminuz. L-appellanti la qaghdet lura u lanqas iddejqet milli fic-citazzjoni taghha kontra l-intimati (Cit. Numru 1302/95) tadopera kliem iebes hafna specjalment fil-konfront ta’ l-intimat Avukat Generali li skond hi, “aggressivament u b’ghajjat vjolenti esiga telefonikament li l-attrici taccetta li tiffirma …..” u li “…… (pero’) l-Avukat Generali b’theddid, b’intimidazzjoni u b’degradazzjoni, gravament ezercitati minnu fil-konfront ta’ l-attrici.” L-istess attrici, ankorke’ din id-darba f’termini aktar legalistoci akkuzat lill-imsemmi Avukat Generali bil-kommissjoni tar-reati kontemplati fl-artikoli 91 u 139 A (c) u (d) tal-Kodici Kriminali (Kap 9); bl-ezercizzju kontinwat ta’ ghemil ultra vires; b’abbuz ta’ poter; b’agir diffamatorju fil-konfront taghha; liema abbuzi ta’ poter gew estizi kontra l-Onor. Prim Ministru u s-Segretarju

Amministrattiv; b'ingurja; bi trattament degradenti u bi vjolazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem.

Dawn il-Qrati qatt ma harsu b'simpatija lejn uzu ta' termini u kliem li inutilment itellfu dik is-serenita' necessarja ghal buon konduciment ta' procedura gudizzjarja. Fl-istess waqt meta parti tammassa kumulu daqstant pezanti ta' akkuzi serji u gravi lill-parti avversarja, li parti mill-funzjoni pubblika taghha hija t-thaddim ta' l-amministrazzjoni tal-pajjiz fl-oghla livell, wiehed m'ghandux lanqas jippretendi li r-reazzjoni ser tkun wahda fjakka. Ghalhekk parti li thossha daqshekk sensittiva ghal dak li jista' jitqies mil-lenti taghha bhala "oltraggjuz", "degradanti" u "inuman", messha kienet ukoll konsapevoli pjenament tal-portata u l-import tal-kliem li hija adoperat fl-att promotorju taghha kontra l-intimati. Mill-bqija, din il-Qorti m'ghandha xejn aktar x'izzid mal-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti kif espressi fis-sentenza appellata hlief li tirripeti li l-artikoli tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropeja invokat mill-appellanti ma japplikawx ghall-kaz.

11. Illi t-tieni parti ta' l-aggravju ta' l-appellanti ghandu x'jaqsam mad-digriet moghti mill-ewwel Qorti fit-22 ta' April 1998 in kwantu tghid li c-cahda ghat-talba taghha kienet imsejsa fuq "interpretazzjoni zbaljata" da parti ta' dik il-Qorti b'riferenza ghall-artikolu 57 (3) tal-Kap 12. Fil-fehma tal-appellanti r-Registratur tal-Qrati ma jistax ikun rapprezentat mill-intimat l-iehor l-Avukat Generali.

Jigi hawn rilevat li l-argomentazzjoni kollha ta' l-appellanti f'dan ir-rigward hija mibnija fuq il-premessa – li kif rajna supra hija premessa u konkluzjoni infondata – li kemm l-Avukat Generali u r-Registratur tal-Qrati kienu ko-awturi "ta' degradazzjoni gravi fir-rigward tar-rikorrenti". Issa, una volta li din il-premessa hija infondata, l-argomentazzjoni tal-appellanti ma treggiex aktar ghax hija bla bazi ta' xejn.

Minbarra dan, bil-fatt li volontarjament ir-Registratur tal-Qrati ghazel bhala patrocinant legali tieghu lill-Avukat Generali, ma jirrizultax li saret xi terferenza da parti ta' l-Ezekuttiv fil-konfront ta' l-Awtoritajiet Gudizzjarji, kif zbaljatament argomentat l-appellanti.

12. Fl-ahharnett, din il-Qorti thoss doveruz li taghmel riferenza ghal osservazzjoni gja' maghmulha mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza civili (Cit. Nru. 1302/95) kif dakinhar diversament komposta, in konnessjoni ma' appell iehor intavolat mill-istess appellanti minn digriet moghti fil-Prim'istanza – ara sentenza tat-28 ta' Frar 1997, ghal liema appell kien sar anke appell incidentali da parti ta' l-intimati u fejn dik il-Qorti qalet hekk,

> "Dan hu appell kompletament inutili li sewa biss biex il-proceduri jitwalu bla bzonn ghal kwazi sena. Hu immedjatament ovvju li l-kontendenti ma apprezzawx il-premura ta' l-ewwel Qorti biex tistrada l-kawza fuq il-kwistjoni tal-mertu u li tevita incidenti zejda kjarament provokati u sostnuti mill-involviment personali sfortunat tad-dramatis personae li ma jiggjovax la l-oggettivita' u lanqas il-konsiderazzjoni serena u distakkata tal-meritu."

Kummenti ulterjuri da parti ta' din il-Qorti jkunu superfluwi.

Ghal dawn ir-ragunijiet :

Tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma kemm id-digriet tat-22 ta' April 1998, kif ukoll is-sentenza tal-5 ta' Ottubru 1998, kif moghtijin mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet premessi, tichad l-appell tar-rikorrenti appellanti bl-ispejjez gudizzjarji taz-zewg istanzi kontra taghha.

Dep/Reg

mg